**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR52/VIII/2024**

**Il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

## 52.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 52.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija

52.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 52.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

52.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 51 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

52.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

52.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

## 52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li :-

52.4.1 tqassmu 7 pedal cycles lill-ewwel 7 applikanti żgħażagħ u baqa waħda. Dawn il-pedal cycles ġew offruti minn Reġjun Għawdex lill-Kunsilli Għawdxin sabiex jintużaw minn żgħażagħ ta' bejn is-16 u t-18 'il sena;

52.4.2 ġew sottomessi l-applikazzjonijiet mal-ERA biex jinżabru s-siġar ta' Triq Vajrinġa, Pjazza Indipendenza u Pjazza Santu Wistin. Rigward ta' Pjazza Santu Wistin, il-membri qablu li jintalab żbir konsiderevoli peress li l-friegħi qed jidlħu fil-wires tad-dawl.

## 52.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

52.5.1 Tressaq l-ilment fir-rigward tas-siment li sar mingħajr permess tal-Kunsill quddiem xi ħwienet fi Pjazza Indipendenza. Dan is-siment sar fil-culvert li suppost jilqa' l-ilma tax-xita u jmur f'gulley li hemm fil-bidu tat-toroq San Ġuzepp u is-Suq. Dawn il-*gulleys* mhux jilqgħu l-ilma tax-xita u allura dan qed jibqa fil-culvert. Saret diskussjoni qasira u l-membri qablu li l-culvert għandu jinkesa.

Tressqet korrispondenza mingħand:

52.5.2 id-Diviżjoni għal-Gvern Lokali rigward Skemi għall-Kunsilli Lokali 2024;

52.5.3 l-Malta Tourism Authority rigward is-'Summer Breaktime 2024' fejn intbgħatet il-lista ta' toroq li fihom ma jistax isir skavar u twaqqieh ta' bini fil-ġranet tas-sjaf;

52.5.4 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali – Cir AKL 2024/012 dwar rapport tal-Enemalta rigward il-kaxxi tad-*demarcation* tal-bozoz tat-toroq;

52.5.5 il-Malta Crafts Foundation rigward il-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2023;

52.5.6 il-grupp 'Battlefields Living History Re-enactment Troops', fejn introduċew dan il-grupp;

52.5.7 Paul Scicluna fejn ressaq rapport tal-Pulizija u qed jgħid li kellu €320 ħsara għax faqa t-tyre ma' xifer ta' bankina. Il-Kunsill jirrifondi lura dment li jiġi pruvat li tkun saret ħsara f'ħofor fit-toroq;

52.5.8 District Operations Ltd. rigward il-*performance bonus* tal-ħaddiema impjegati taħt l-iskema CWS. Il-membri qablu li dan il-bonus jiġi approvat;

52.5.9 Dr. Ivana Legname rigward il-proposta għall-proġett Interreg Italia-Malta. Il-membri mhumiex interessati;

52.5.10 Green MT fejn ġie spjegat l-iskemi u l-kundizzjonijet tal-bring-in sites;

52.5.11 Joe Zammit Ciantar fejn talab dettalji rigward postijet storiċi fir-Rabat peress li qed jagħmel riċerka sabiex jikteb artiklu twil fuq Għawdex.

———

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-laqgħa.

———

**52.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

52.6.1 *one way* fi Triq Sir Luigi Camilleri. Fuq suġġeriment ta' TM il-membri qablu li din ssir *one way* wara li jinħelsu x-xogħlijiet tal-bini mill-ġdid ta' Triq ta' Wara s-Sur;

52.6.2 *double yellow lines* quddiem l-entratura ta' 'Marianna' fi Triq Dun Pawl Micallef;

52.6.3 *one metre double yellow lines* fuq il-ġnub ta' garaxx fi Triq is-Sagħtar. Rigward it-talba biex issir mera, TM issuġġeriet li din teħel bi bracket mal-garaxx stess;

52.6.4 *yellow line* fi Triq Santa Dminka faċċata ta' Trejqet il-Ħarrub, Fontana.

52.6.5 Rigward it-talba ta' kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq San Duminku, TM spjegat li l-garaxx irid ikun jintuża bħala garaxx skont SL 65.11 u qed tissuġġerixxi li jinżebaħ single yellow line quddiem il-garaxx. Is-sid irid ikun avżat li fuq dan is-sinjal hu wkoll ma jistax jipparkja.

52.6.6 Rigward it-talba sabiex titneħħa tabella tal-*one way* fi Triq is-Suq, TM spjegat li avolja din hi żona pedonali, t-tabella tal-*one way* għandha tibqa sabiex ma jkunx hemm periklu għall-persuni li qed jimxu fit-triq.

52.6.7 Tressqet emejl minn resident fi Triq l-Assunta fejn issuġġerixxa aktar speed limit signs, li ssir bankina u aktar dawl. Intalab il-parir ta' TM fuq l-ewwel żewġ suġġerimenti. Fuq iż-żieda tad-dawl fi Triq l-Assunta, il-Kunsill ser jara dan fejn jista' jeħel.

52.6.8 Il-Pulizija nfurmat lill-Kunsill li ż-żewġ rampi li saru b'mod illegali quddiem 'Maypole' fi Triq Sant Martha u quddiem garaxx fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex, tneħħew.

52.6.9 Il-membri qablu li għandu jiġi suġġerit lill-TM sabiex fit-tarf ta' Triq Ninu Cremona, kantuniera ma' Triq ir-Repubblika, ssir grid fejn min ikun isuq u ħiereġ minn Triq Ninu Cremona jkollu ċans jikser 'il fuq lejn Triq ir-Repubblika. L-istess għandu jiġi suġġerit għal Triq Sant'Ursola ma' Triq l-Imgħallem.

**52.7 Approvazzjoni tal-*Financial Statments* 2023**

52.7.1 L-*accountant* tal-Kunsill ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega d-draft tal-kotba għas-sena finanzjarja li għalqet fl-2023. Dawn jinsabu annessi f'dokument A.

52.7.2 Wara l-ispjega u xi mistoqsijiet mill-preżenti, dawn ġew approvati. L-*accountant* ġie rringrazjat u ħareġ mill-kamra.

**52.8 Approvazzjoni tal-Estimi 2024**

52.8.1 Tressqet draft tal-badġit għas-sena 2024.

52.8.2 Wara li ġie diskuss, dan ġie approvat u jinsab f'dokument B anness.

**52.9 Żjara f'Nichelino – *Nurseries* tal-futbol tar-Rabat**

Il-membri qablu li :-

52.9.1 issir laqgħa ta' informazzjoi għall-ġenituri tat-tfal li ser jipparteċipaw f'dan it-*tournament*. Il-laqgħa ser issir nhar is-Sibt, 2 ta' Marzu, 2024 fit-15:00 fis-sala tal-Kunsill: u

52.9.2 il-Kunsill iħallas it-trasport minn Għawdex għall-ajruport u lura. Il-Viċi Sindku għarraf lill-preżenti li t-trasport f'Nichelino ser jitħallas mill-Comune.

**52.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

52.10.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Frar 2024, skont dokument Ċ anness.

**52.11 Xogħlijiet oħra**

52.11.1 Il-Premju Mara 2023/2024 ġie mnegħdi għall-ewwel darba minn mart il-Prim Ministru. Fil-Kunsill daħlu tlett nominazzjonijiet fil-ħin u oħra daħlet tard. Wara evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet sottomessi il-membri unanimament qablu li mill-Kunsill tar-Rabat, tiġi nnominata s-Sinjura Grace Debono. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-meterja, is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress.

52.11.2 Tressqu tlett kwotazzjonijet sabiex tinxtara *nest swing* biex tinbidel dik li nkissret fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal. Il-prezzijiet jinsabu f'dokument D. Il-membri qablu li tinxtara mingħand UrbanPlay għall-prezz ta' €2637 li jinkludi t-tneħħija tal-imkissra, l-installazzjoni u l-VAT. Il-membri qablu li jitneħħa t-tapit ukoll u minfloku jsir tapit bħal ma sar riċenti taħt l-*outdoor gym equipment*.

52.11.3 Rigward SPI/SCI/4/2023 – Skema ta' Finanzjamnet – Komunitatjiet aktar siguri u organizzati, l-Kunsill irċieva l-appovazzjoni sabiex ikun jista jsir it-tibdil fil-proposta tal-Kunsill, sabiex jintużaw il-fondi li ġew allokati mid-Diviżjoni għal-Gvern Lokali. Minn naħħa ta' Reġjun Għawdex, intbgħatet korrispondenza lill-Ministru għal Wirt Kulturali, Arti u Gvern Lokali fir-rigward tal-problemi li qed jiltaqgħu magħhom il-Kunsilli Lokali meta ħa jiġu biex jinstallaw il-metre li jissupplixxi d-dawl għall-kameras. Il-membri qablu li xorta għandha tinħareġ l-offerta sabiex jiġu nstallati dawn il-kameras.

———

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-laqgħa

———

Il-membri qablu li:-

52.11.4 il-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-Festival Gaulitana u m'għandiex tinqabeż s-somma ta' elf ewro;

52.11.5 il-Kunsill jgħin fil-loġistika ta' Musical 'West Side Story u m'għandiex tinqabeż is-somma ta' €800;

52.11.6 jinkrew 300 siġġu u jiżduied id-dawl fil partijeit imdallma waqt il-purċissjonijet tal-Ġimgħa l-Kbira;

52.11.7 il-Kunsill jgħin lill-MUSEUM tal-bniet sabiex jinxtara laptop. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €300.

52.11.8 il-Kunsill jgħin fil-ġarr ta' props u strumenti li ċ-Cittadella Folk Group ser tieħu magħha fil-Festival fis-Serbia. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €500. Il-membru Portelli ħarġet waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja.

52.11.9 jiġi organizzat *weekend break* kulturali ġewwa Malta, għar-residnenti Rabtin bejn is-26 u t-28 t'April, 2024.

**52.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

52.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 4 t'April, 2024.

Josef Schembri<br>Sindku

Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv